31998R2778

L 347/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.12.1998

IR-REGOLAMENT (KE, KEFA, Euratom) Nru 2778/98
tas-17 ta' Diċembru 1998
li jemenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, Membri u Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim' Istanza

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 154, 168a and 188b(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, partikolarment l-Artikoli 29, 32d u 45b(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, partikolarment l-Artikoli 123, 140a and 160b(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 tat-18 ta' Ottubru 1977 li jistabilixxi l-emolumenti tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri [1],

Billi huwa għall-Kunsill li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, ta' l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim' Istanza u tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri;

Billi l-euro sejra tkun il-munita ta' l-Istati Membri li sejrin jaddottaw l-euro mill-1 ta' Jannar 1999 [2]; billi l-unita' monetarja hija l-euro; billi euro waħda sejra tkun diviża f'mitt ċenteżmi; billi għal perijodu transitorju l-euro sejra tkun anke diviża f'unitajiet monetarji nazzjonali [3];

Billi r-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom [4] u r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2290/77 [5] jistabilixxu s-salarju bażiku tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, Membri u Reġistraturi tal-Qorti ta' Prim' Istanza u tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri in relazzjoni mas-salarju bażiku ta' Ufficjal fl-aħħar stadju tal-Grad A1;

Billi, a bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2458/98 tat-12 ta' Novembru 1998 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 li jistabbilixxi ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej [6], is-salarju bażiku ta' uffiċjal fil-Grad A1 għandu jiġi espress f'euro mill-1 ta' Jannar 1999;

Billi huwa għalhekk irrikmandat li jiġi emendat ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom f'dak li li jirrigwarda l-*allowances* ta' rappreżentazzjoni u ta' dmirijiet speċjali li preżentament huma espressi fi Franki Belġjani biex jiġu espressi f'euro mill-1 ta' Jannar 1999,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolameni Nru 422/67/KEE u Nru 5/67/Euratom, it-terminu "Frank Belġjan" għandu jiġi mibdul bit-terminu "euro" u l-ammonti espressi fi franki Belġjani għandhom jiġu mibdula bl-ekwivalenti tagħhom f'unitajiet ta' euro bir-rata ta' konverżjoni stabbilita mill-Kunsill.

Ir-regoli li jirrelataw dwar l-arrotondar ta' l-ammonti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1103/97 għandhom japplikaw.

---

(1) ĠU L 268, ta' l-20.10.1977, p. 1. Regolament kif emendat fl-aħħar b'Regolament (KE) Nru 840/95 (ĠU L 85, tad-19.4.1995, p. 10).

(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar id-dħul ta' l-Euro (ĠU L 139, tal-11.5.1998, p. 1).

(3) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dħul ta' l-Euro (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

(4) ĠU C 187, tat-8.8.1967, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 3762/92 (ĠU L 383, tad-29.12.1992, p. 4).

(5) ĠU L 268, ta' l-20.10.1977, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 840/95 (ĠU L 85, tad-19.4.1995, p. 10).

(6) ĠU L 307, tas-17.11.1998, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-17 Diċembru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. MOLTERER